DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

S

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2019**

**ID-DISA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*ĠENERALI*) L-ISKEMA TAL-MARKI**

**Taqsima A**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. il-Ġ- i Magħquda | 2. valuri | 3. Jobsplus | 4. l-Imnarja | 5. il-paċi |
| 6. il-kultura | 7. fir-riżors uman | 8. Università tat-Terza Età | 9. EkoSkola | 10. il-lingwa |

**(2 marki x 10 = 20 marka)**

**Taqsima B**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. c | 2. b | 3. b | 4. a | 5. c |
| 6. a | 7. b | 8. c | 9. a | 10. a |

**(2 marki x 10 = 20 marka)**

**Taqsima C**

| **Mistoqsija** | **Marki** | **Tweġibiet**<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1. | 3 | L-**edukazzjoni tul il-ħajja** hu tagħlim volontarju li jibqà għaddej tul il-ħajja kollha fejn l-għan tiegħu hu li persuna tkompli titgħallem għal raġunijiet personali jew professjonali. Għalhekk l-edukazzjoni tul il-ħajja żżid l-inklużjoni soċjali, ċ-ċittadinanza attiva u l-iżvilupp personali kif ukoll iżżid il-kompettività u l-impjegabilità. |
| 2. | 3 | L-edukazzjoni titqies bħala dritt fundamentali tal-bniedem għax din mhix privileġġ li jingħata lil xi grupp wieħed fis-soċjetà. Kull tifel u tifla huwa intitolat għal edukazzjoni obbligatorja u hija bżonjuża għaliex permezz tal-edukazzjoni, it-tfal ikunu qed jinvestu fil-futur kif ukoll ikunu jistgħu jeżerċitaw drittijiet oħrajn. |
| 3. | 2, 2, 2 | *L-istudenti jistgħu jsemmu tliet eżempji minn:*<br>• nitgħallem affarijiet akkademiċi<br>• tagħtini bażi għad-dinja tax-xogħol<br>• nissoċjalizza ma' persuni oħra tal-età tiegħi<br>• nitgħallem manjieri, valuri u dixxiplina |
| 4. | 1, 3 | Iva, għaliex iżżommha infurmata u aġġornata ma' kull tip ta' żvilupp li jkun qed iseħħ kif ukoll jgħinha titgħallem ħiliet ġodda u jkollha ċans għal iktar opportunitajiet. |

| | | |
|---|---|---|
| 5. | 2, 2, 2 | *L-istudenti jistgħu jsemmu tliet eżempji minn:*<br>• Inservice training<br>• Online courses<br>• Evening courses<br>• On the job training/Professional Development |
| 6. | 5 | F'kull post tax-xogħol importanti li jkun hemm nies imħarrġa u li kapaċi jagħmlu xogħolhom sew. Permezz tal-edukazzjoni tul il-ħajja, il-ħaddiema jitgħallmu dwar l-aħħar żviluppi fil-qasam tax-xogħol tagħhom u b'hekk jissaħħaħ ir-riżors uman. |
| 7. | 2, 2 | *L-istudenti jistgħu jsemmu żewġ eżempji minn:*<br>• Erasmus+<br>• Young Reporters for the Environment<br>• Global Education Week |
| 8. | 2, 2 | *L-istudenti jistgħu jsemmu żewġ eżempji minn:*<br>• dawk li m'għandhomx kwalifiċi fix-xogħol li jixtiequ jagħmlu<br>• min għandu 'l fuq minn 55 sena<br>• min hu illitterat<br>• persuni b'diżabilità |
| **TOTAL** | **35** | |

**Taqsima D**

Fil-paragrafu, l-istudenti għandhom juru li jafu s-suġġett, jagħtu definizzjonijiet ċari u joħorġu b'ideat rilevanti. Il-25 marka jitqassmu kif ġej:

20-25 – Tajjeb ħafna
15-19 – Tajjeb
12-14 – Mhux ħażin
0 - 11 – Mhux tajjeb

| **Mistoqsija** | **Marka** | **Tweġibiet**<br>*Kull tweġiba oħra relevanti għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1. | 25 | L-istudenti mistennija li jsemmu dawn il-punti:<br><br>• Normi huma regoli mhux miktuba iżda li huma meqjusa ovvji mill-membri ta' komunità u jirregolaw l-imġiba eż: li jintlibes l-iswed għall-funeral jew li raġel ma jilbisx dublett. Valuri huma prinċipji tajbin li l-individwu, il-komunità jew is-soċjetà żżomm bħala regoli u gwida għall-imġiba personali u soċjali. Xi eżempji ta' valuri soċjali huma l-paċi, l-ġenerożità u s-solidarjetà.<br>• Kemm in-normi kif ukoll il-valuri jinbidlu għax il-ħajja u n-nies jinbidlu.<br>Dan iseħħ permezz tal-midja, l-edukazzjoni, is-safar, bdil fit-tmexxija ta' pajjiż, bidla fil-mod kif inħarsu lejn ir-reliġjon, influwenza minn pajjiżi oħra u avvanzi oħra f'din l-era diġitali. |

| | | |
|---|---|---|
| 2. | 25 | L-istudenti huma mistennija li jsemmu u jispjegaw xi punti minn dawn li ġejjin:<br><br>L-iżvilupp tar-riżorsi umani f'Malta seħħ permezz ta' diversi fatturi li jaħdmu id f'id, fosthom :<br>• Ix-xogħol – matul dawn l-aħħar 50 sena l-Maltin aktar qegħdin jitħarrġu f'xogħlijiet ta' servizzi u teknoloġija u b'hekk qed ikun hemm ċaqliq mill-ewwel u t-tieni settur tax-xogħol għal aktar xogħlijiet fis-settur terzjarju u kwaternarju.<br>• Taħriġ – jeżistu bosta korsijiet li jgħinu lill-ħaddiem ikompli jiżviluppa r-riżorsi tiegħu. Bħala aġenżija, il-Jobsplus tara li 'training' ikun disponibbli għal kulħadd.<br>• Lifelong learning – hemm enfasi kbira biex kull ħaddiem jibqa' jitgħallem kontinwament biex iżomm ruħu aġġornat maż-żminijiet.<br>• Aktar nisa fil-qasam tax-xogħol – permezz ta' proġetti nazzjonali hemm imbuttatura kbira biex aktar nisa joħorġu jaħdmu barra mid-dar u jsiru parti mir-riżors uman fuq il-post tax-xogħol. |
| 3. | 25 | L-istudenti mistennija jagħżlu żewġ proġetti li jseħħu fl-iskejjel:<br><br>• **EkoSkola** – L-EkoSkola hi proġett tan-Nature Trust u l-għan tagħha hu li tgħin lill-istudenti jitgħallmu jieħdu ħsieb l-ambjent. Bħala EkoSkola, it-tagħlim jibda fl-ambjent tal-iskola u dak li jitgħallmu l-istudenti jkompluh barra mill-iskola biex b'hekk jagħmlu differenza fl-ambjent lokali u finalment dak globali.Xi eżempji ta' aġir li l-grupp EkoSkola jippromwovi huma li tinkoraġġixxi lill-istudenti biex ma jaħlux dawl, biex jirriċlaw l-iskart u biex fejn hu possibli, jerġgħu jużaw l-affarijiet minflok jarmuhom.<br>• **Young Reporters for the Environment** – F'dan il-programm, l-istudenti jieħdu r-rwol ta' ġurnalisti u investigaturi fuq ċertu problemi ambjentali li jaraw madwarhom. Jippruvaw isibu wkoll soluzzjonijiet u joffru inċentivi biex jitnaqqas il-'carbon footprint' filwaqt li jintużaw ir-riżorsi naturali b'mod għaqli.<br>• **Global Action Schools** – F'ġimgħa partikolari waqt is-sena skolastika, l-istudenti jkunu esposti għal informazzjoni differenti dwar problemi soċjali globali, b'enfasi partikolari fuq il-faqar fid-dinja u l-esklużjoni soċjali. Minbarra li jitgħallmu dwar dawn is-sitwazzjonijiet, l-istudenti jingħataw l-opportunità li jagħmlu differenza fil-ħajja ta' ħaddieħor, eżempju jixtru prodotti 'fair trade'. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Total sħiħ: 100 marka**